MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 105/2004

Citaz. Nru:- 105/2004AE

Francis u Salvina konjugi Formosa u b'digriet tat-13 ta' April 2007 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Salvina Formosa stante l-mewt ta' l-attur Francis Formosa fil-mori tal-kawza.

Vs

Alfred Mercieca u martu Rita Mercieca u s-socjeta Mezzann Bakery Ltd ghal kull interess li din jista' jkollha.

Il-Qorti,

Permezz ta' citazzjoni prezentata fl-20 ta' Settembru 2007 l-atturi ppremettew li:

Huma proprjetarji ta' fond bla numru bl-isem St. Joseph, Triq Kercem, Kercem, Ghawdex.

Il-konvenuti jew min minnhom huma l-proprjetarji u attwalment fil-pussess tal-fond Bini Gdid, Triq Guze' Flores, Kercem, Ghawdex liema proprjeta' tikkonfina mal-proprjeta' ta' l-atturi u liema proprjeta' tal-konvenuti hija attwalment uzata bhala forn.

Il-konvenuti jzommu hazna ta' pitrolju jew fuel iehor fil-fond taghhom, liema hazna tinghata permezz ta' bowsers kbar.

Minn xi xhur 'l hawn bdiet tipperkola kwantita' ta' pitrolju jew sostanza nociva ohra ghal gewwa l-proprjeta' tal-atturi minn go dik tal-konvenuti.

Dan il-pitrolju jew sustanza nociva ohra qeghdin ikunu ta' detriment serju sia ghal sahhet l-atturi, kuf ukoll qeghdin jikkagunaw hsarat fil-proprjeta' taghhom u inoltre qeghdin ikunu sorsi ta' pregudizzju serju u kontinwu ghad-drittijiet tal-atturi, kuf ukoll bi ksur tal-artikolu 419 tal-Kodici Civili.

Il-konvenut Alfred Mercieca qieghed assolutament jirrifjuta illi jottempera ruhu mat-talbiet tal-atturi sabiex jelimina din il-perkolazzjoni.

Talbu sabiex il-Qorti:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom m'ghandhom l-ebda dritt illi jhallu dan il-pitrolju, jew sostanza nociva, jingema' mal-hajt divizorju bejn il-fondi rispettivi, wisq u wisq aktar ma ghandhom ebda dritt illi jhallu dak il-pitrolju jew sostanza ohra jipperkola ghal gol-fond tal-atturi.
2. Tiddikjara illi tali gmiegh u perkolazzjoni qieghed jkun ta' pregudizzju ghall-proprjeta' u ghas-sahha tal-atturi.
3. Tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghmlu u jwettqu dawk ix-xogholijiet kollha necessarji fil-proprjeta' taghhom sabiex dan il-gmiegh u din il-perkolazzjoni jigu eliminate b'mod permanenti, taht is-supervizjoni ta' perit nominat mill-Qorti.

4. Tawtorizza lill-atturi illi jwettqu x-xogholijiet kollha necessarji huma stess, a spejjez taghhom jew min minnhom, u dejjem taht is-supervizjoni u direzzjoni ta' perit.
5. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kollha sia sofferti, jew li ghad jistghu jigu sofferti mill-atturi.
6. Tillikwida dawk id-danni billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti ilil jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
7. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dawn id-danni hekk likwidati.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuti fil-25 ta' Novembru 2004 (fol. 16) eccepew:-

1. It-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.
2. Il-konvenuti mhumiex il-legittimi kontraditturi bilil huma m'ghandhom ebda fond jew proprjeta' ohra li tikkonfina la direttament u lanqas indirettament mal-proprjeta' tal-atturi, u lanqas ghandhom ebda pipe jew pajpijiet imwahhlin mal-hitan tad-dar tal-atturi jew vicin il-hitan taghhom li minnhom jista' jnixxi u jipperkola fil-hitan taghhom il-pitrolju jew fuel kif qeghdin jilmentaw l-atturi, u ghaldaqstant hemm lok li jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.
3. Il-hazna tal-pitrolju jew fuel mill-konvenuti jinzamm f'reservoir li ghandhom fuq il-bejt tal-forn taghhom u li jinsab f'distanza konsiderevoli boghod mill-fond tal-atturi, u l-pajpijiet li minnu jghaddi dan il-pitrolju jew fuel qeghdin mghoddija mis-saqaf u minn mal-hajt tal-forn li bl-ebda mod ma jikkonfina jew imiss mal-proprjeta' tal-atturi u kollox ghaddej minn barra u m'hemm ebda sinjali ta' tnixxiegha jew perkolazzjoni minn dawn il-pajpijiet, wisq u wisq anqas li l-hsara jew danni lamentata mill-atturi tista' b'xi mod anke l-aktar remot, tigi attribwita lill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2005 (fol. 18) fejn il-Qorti hatret lill-perit Valerio Schembri bhala perit tekniku.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku Valerio Schembri (fol. 43).

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidrat:-

1. Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-
(a) L-atturi huma l-proprjetarji tal-fond bla numru u bl-isem St. Joseph, Triq Kercem, Kercem, Ghawdex.
(b) Il-konvenuti huma l-proprjearji tal-fond Bini Gdid, Triq Guze’ Flores, Kercem, Ghawdex.
(c) L-atturi qeghdin jilmentaw li mill-proprjeta’ tal-konvenuti qieghed jipperkola kwantita’ ta’ pitrolju jew sostanza nociva ghal gewwa l-proprjeta’ taghhom u dan qieghed jikkaguna hsara fil-proprjeta’.
(d) Min-naha taghhom il-konvenuti qeghdin isostnu li m’ghandhom l-ebda proprjeta’ li tikkonfina ma’ dik ta’ l-atturi u li l-hazna ta’ pitrolju li ghandhom qeghda tinzamm f’reservoir li jinzamm fuq il-bejt u jinsab il-boghod mill-fond tal-atturi u l-pajpijiet huma mghoddija mis-saqaf u minn mal-hajt tal-forn li ma jmissux mal-proprjeta’ ta’ l-atturi.
2. Hu fatt li min jallega jrid jipprova. Mela f’dan il-kaz l-atturi kellhom l-oneru li jaghtu prova li l-perkolazzjoni ta’ sustanza gej mill-proprjeta’ tal-konvenuti. Irrizulta li fil-proprjeta’ ta’ l-atturi hemm perkolazzjoni ta’ *“zejt u griz imhallat ma’ l-ilma”* (fol. 58), pero’ mir-rapport imhejji mill-perit tekniku Valerio Schembri (fol. 43) jirrizulta bl-iktar mod car li l-atturi ma rnexxielhomx jaghtu prova li s-sors tal-perkolazzjoni ta’ din is-sustanza hi mill-proprjeta’ tal-konvenuti. F’dan ir-rigward il-perit tekniku kkonferma li minhabba:-

(a) Id-distanza bejn il-forn tal-konvenuti u l-bitha ta’ l-atturi;
(b) Li bejn il-fond ta’ l-atturi u dak tal-konvenuti hemm proprjetajiet ohrajn ta’ terzi; *“….il-fond bl-isem Mezzan Bakery, Guze Flores Street, Kercem , ossia l-forn tal-konvenuti ma jikkonfinax mal-proprjeta’ ta’ l-atturi senjament mal-bitha minn fejn tirrizulta l-perkolazzjoni*

*mertu tal-kawza"* (fol.55)[1]. Dan kuntrarjament ghal dak li ppremettew l-atturi fic-citazzjoni.

(c) Is-sistema kollha tal-hazna u distribuzzjoni tal-fuel fil-proprjeta' tal-konvenuti m'hijiex mirduma, *"gie stabbilit ukoll illi s-sistema ta' kif jintela t-tank li fih jinhazen il-fuel (diesel) fil-fond tal-konvenuti kif ukoll dik ta' kif l-istess fuel jghaddi mit-tank tal-hazna ghall-burner hija kolha surfaced mounted ghajr ghal meta tghaddi mill-istruttura propja tal-fond in kwistjoni, pero' fl-ebda stadju din is-sistema ma tghaddi minn taht l-art"* (fol. 55).

*"l-esponent ma jista jistabilixxi l-ebda bazi teknika dwar kif wiehed jista' jassocja l-perkolazzjoni kkonstatata fil-bitha tal-fond ta' l-atturi mas-sistema tal-hazna u distribuzzjoni ta' fuel fil-forn tal-konvenuti"* (fol. 58). Dan gustament wassal lill-perit tekniku sabiex jikkonkludi li ma tezisti l-ebda bazi ghall-azzjoni tal-atturi.

3. Kif intqal fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Emanuel Attard vs George Tedesco et** deciza fl-1 ta' Gunju 2007: *"huwa car li din il-kawza tirrigwarda aspett purament tekniku, u ghalhekk f'kazi bhal dawn, ghalkemm il-Qorti mhiex marbuta illi tistrieh fuq il-konsiderazzjonijiet u l-konsegwenti konkluzjonijiet tal-perit tekniku, meta l-Qorti tkun tal-fehma illi dawn il-konsiderazzjonijiet huma ragjonevoli u bbazati fuq dak li jkun irrizulta mill-provi kollha, inkluzi affidavits u deposizzjonijiet viva voce, hija kwazi invarjabbilment toqghod fuq il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku. Dan il-hsieb huwa rifless fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna"*. Dak li kkonstata l-perit tekniku ma gie bl-ebda mod kontradett mill-atturi. F'tali cirkostanzi l-Qorti m'ghandhiex triq ohra ghajr li tichad it-talbiet ta' l-atturi. Fl-atti processwali m'hemm l-ebda prova li b'xi mod tista' tindika li s-sors tal-perkolazzjoni hi mill-proprjeta' tal-konvenuti.

4. Fir-rigward ta' l-ispejjez, l-atturi jsostnu li m'ghandhomx jaghmlu tajjeb in kwantu kienet saret talba

[1] Ara ritratti Dok. KRM13 (fol. 74) u KRM14 (fol. 75).

lill-konvenuti sabiex isiru t-testijiet opportuni sabiex jigi stabbilit jekk il-perkolazzjoni hijiex provenjenti mill-proprjeta' tal-konvenuti. Fl-atti hemm ittra datata 27 ta' Lulju 2004 (fol. 5) fejn l-atturi nterpellaw il-konvenut sabiex *"…fi zmien gimgha mid-data tal-prezenti taghmel dawk ix-xogholijiet kollha necessarji fil-proprjeta' tieghek sabiex din il-problema ta' hrug ta' pitrolju jew sostanza nociva ohra ghal gol-proprjeta' ta-mittenti tigi eliminata"*. Min-naha l-ohra l-attur xehed li kien kellem lill-avukat Dr. Joseph Grech sabiex issir laqgha bejn il-partijiet fil-prezenza tal-periti u avukati ta' fiducja taghhom, pero' din l-istedina ma gietx milqugha mill-konvenuti. Pero' l-Qorti ma tqisx din ir-raguni bhala wahda tajba sabiex takkolla l-ispejjez jew xi parti minnhom fuq il-konvenuti. Il-Qorti tifhem li fil-kors tal-kawza (fil-fehma tal-Qorti sa mill-ewwel access li ghamel il-perit tekniku[2]) kien evidenti li l-pretenzjoni tal-atturi fil-konfront tal-konvenuti kienet minghajr bazi. Madankollu l-atturi baqghu jinsistu bit-tezi taghhom u sahansitra anke wara li gie prezentat ir-rapport tekniku ma rregolawx il-posizzjoni taghhom. Mill-atti rrizulta wkoll kif hafna seduti saru sabiex jitressqu provi min-naha tal-atturi li fil-fehma tal-Qorti kien ghal kollox irrilevanti in kwantu l-pern tal-kwistjoni kien jekk is-sors tal-perkolazzjoni tas-sustanza kienx il-fond tal-konvenuti. Fic-cirkostanzi l-Qorti temmen li saru hafna spejjez bla bzonn u l-atturi ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom. Dan mehud ukoll in konsiderazzjoni li fuq bazi ta' fatt it-tezi tal-atturi kienet ghal kollox infondata. Sahansitra l-atturi ppremettew li hemm ksur ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 419 tal-Kodici Civili, meta mill-provi jirrizulta bl-iktar mod car li dan il-provvediment ma japplikax in kwantu dan m'huwiex kaz ta' hitan komuni bejn zewg fondi[3].

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u tichad it-talbiet kollha tal-atturi.

[2] 2 ta' April 2005.
[3] Ara wkoll Art. 223 tal-Kap. 12.

Spejjez kontra l-atturi, b'dan li l-ispejjez tas-seduti peritali tat-22 ta' Gunju 2005 (fol. 151) u tat-12 ta' Novembru 2005 (fol. 153) huma a karigu tal-konvenuti peress li naqsu milli jressqu provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------